# Is-sekli sbatax u tmintax – Ħuġġieġa ta' devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu ġo Malta (It-Tieni Parti)

Tagħrif miġbur minn **Alfred Camilleri** BA, PGCE

**Ikompli mill-ħarġa ta' qabel…**

Ġewwa l-Gudja, fl-1713, Franġisku Dalli ħalla fit-testment legat favur il-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Jidher li sa għaxar snin wara, voldiri fl-1723, diġà kien hemm altar bi kwadru tal-Madonna tal-Karmnu u dan kellu mpittrin fih ukoll ix-xbihat ta' San Mikiel u l-Anġlu Kustodju.

Ġo Ħal Għaxaq, fl-1723, jidher li d-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu kienet qabdet sewwa hekk li fil-Knisja Parrokkjali l-qadima l-artal laterali ddedikat lil San Rokku u lil San Girgor żdiedlu kwadru li jirrappreżenta lill-Verġni Mbierka tal-Karmnu. L-istess artal tqiegħed fil-Knisja Parrokkjali l-ġdida imma fl-1774 il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu sar mill-ġdid.

Fl-1723, artal ta' San Ġużepp li kien hemm fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija ġie ddedikat lill-Madonna tal-Karmnu. Kien ċertu Flaminio Galea li ħaseb għal dak kollu li kien meħtieġ għal dan it-tibdil kif ukoll għal kwadru ġdid tal-Madonna tal-Karmnu. Iktar tard, fl-1771, fil-knisja tal-Kunċizzjoni tqiegħed kwadru tal-Madonna tal-Karmnu fuq l-artal tal-Kunċizzjoni.



*Artal f'ġieħ il-Madonna tal-Karmnu fil-Knisja Arċipretali tal-Gudja*

Għalkemm fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa ma kienx hemm artal iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu, xorta waħda kienet issirilha festa fil-pjazza ewlenija. Fl-1737 imbagħad tqiegħed kwadru tal-Karmnu fuq l-artal ta' San Duminku waqt li fl-1768 tħalla wkoll legat għall-festa.

Kien fis-6 ta' Mejju 1659 li l-Patrijiet Karmelitani daħlu l-Imdina. Ma damx ma beda x-xogħol fuq il-knisja ddedikata lill-Annunzjazzjoni. Waħda mill-kappelli laterali hija dik

tal-Madonna tal-Karmnu. Il-festa tal-Madonna tal-Karmnu bdiet issir minn dik is-sena stess. X'aktarx li purċissjoni fuq barra ma saritx imma sena wara, fl-1660, saret għax f'xi dokumenti nstab li l-patrijiet ordnaw lill-ħaddiema jwaqqfu x-xogħol fuq il-knisja u jwittu t-triq minn fejn kellha tgħaddi l-istess purċissjoni. Baqgħet tissemma l-festa tal-1676 għax billi l-knisja kienet lesta imma kien baqa' titla' l-koppla, il-patrijiet krew tinda kbira tal-kanvas li biha għattew is-saqaf. Bajdu wkoll il-knisja u l-kappelli u qiegħdu l-artal maġġur kif ukoll l-artal tal-Madonna tal-Karmnu. Il-kwadru fuq dan l-artal huwa xogħol Mattia Preti u ħallas għalih ċertu Dr. Calcerano Mompalao Apap li kien jieħu ħsieb l-istess kappella. Fl-1798 il-Franċiżi serqu l-ġojjelli kollha li kellha fuqha u f'rasha x-xbieha tal-Madonna waqt li għamlu ħsara fil-kwadru. Fl-1802 sarulu t-tiswijiet u l-irtokki meħtieġa minn Antonio Portelli.



*Artal f'ġieħ il-Madonna tal-Karmnu fil-Knisja tal-Lunzjata, l-Imdina*

Karmena Falzon ħalliet legat biex issir il-festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Knisja Parrokkjali tal-Mosta, liema legat kien aċċettat mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi fil-25 t'Ottubru 1790.

Fil-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba ma kienx hemm artal iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu imma fil-knisja ta' Santa Katarina kien hemm kwadru ta' din il-qaddisa li kien jinkorpora fih lill-Verġni Mbierka tal-Iskapular. Fl-1723, fuq l-artal iddedikat lill-inkurunazzjoni tal-Madonna tqiegħed kwadru tal-Karmnu u sitt snin wara, fl-1729, ġara l-istess fuq l-artal tal-Viżitazzjoni.

**Referenza:**
Vincent Borg (Mons.) – *Marian Devotions in the Islands of St. Paul* 1600-1800, Malta, 1983.

**Ikompli fil-ħarġa li jmiss…**